



KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 3 ta' Diċembru 2012 (04.12)
(OR. en)

16790/12

FIN 922

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Sur Vítor CALDEIRA, President tal-Qorti tal-Awdituri
data meta waslet:	29 ta' Ottubru 2012
lil:	Is-Sinjura Erato KOZAKOU-MARCOULLIS, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Frontieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2011 flimkien mat-tweġibet tal-Aġenzija

Sinjur,

Qiegħed nehmeż kopja tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Frontieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2011, bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-rapport huwa akkumpanjat mit-tweġibet tal-Aġenzija u ser jiġi ppubblikat dalwaqt f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(Formola ta' għeluq).

(firma) Vítor CALDEIRA

Mehmuż: Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Frontieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2011 flimkien mat- tweġibet tal-Aġenzija.

ЕВРОПЕЙСКА СМЕТНА ПАЛАТА
TRIBUNAL DE CUENTAS EUROPEO
EVROPSKÝ ÚČETNÍ DVŮR
DEN EUROPÆISKE REVISIONSRET
EUROPÄISCHER RECHNUNGS HOF
EUROOPA KONTROLLIKODA
ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΕΛΕΓΚΤΙΚΟ ΣΥΝΕΔΡΙΟ
EUROPEAN COURT OF AUDITORS
COUR DES COMPTES EUROPÉENNE
CÚIRT INIÚCHÓIRÍ NA HEORPA



CORTE DEI CONTI EUROPEA
EIROPAS REVĪZIJAS PALĀTA
EUROPOS AUDITO RŪMAI

EURÓPAI SZÁMVEVŐSZÉK
IL-QORTI EWROPEA TAL-AUDITURI
EUROPESE REKENKAMER
EUROPEJSKI TRYBUNAL OBRACHUNKOWY
TRIBUNAL DE CONTAS EUROPEU
CURTEA DE CONTURI EUROPEANĂ
EURÓPSKY DVOR AUDÍTOROV
EVROPSKO RAČUNSKO SODIŠĆE
EUROOPAN TILINTARKASTUST UOMIOISTUIN
EUROPEISKA REVISIONSRÄTTE

Rapport dwar il-kontijiet annwali
tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva
fil-Frontieri Esterni tal-Istati Membri
għas-sena finanzjarja 2011

flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Frontieri Esterni tal-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija"), li tinsab f'Varsavia, inħolqot mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004¹. Il-kompli tal-Aġenzija huwa li tikkoordina l-attivitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-frontieri esterni (sostenn għall-kooperazzjoni operattiva, assistenza teknika u operattiva, u analiżi tar-riskju)².

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-verifika meħud mill-Qorti fih proċeduri tal-verifika analitiċi, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awditi oħra (fejn relevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali³ tal-Aġenzija, li jikkonsistu fir-“rapporti finanzjarji”⁴ u fir-“rapporti dwar l-implementazzjoni tal-

¹ ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

² L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa jiġi ppreżzentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

³ Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li jagħti aktar informazzjoni dwar l-implementazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit.

⁴ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rapport tat-tibdil fl-attivi netti u sommarju tal-politiki tal-kontabilità prinċipali u noti oħra ta' spiegazzjoni.

baġit”⁵ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijet.

Ir-responsabbiltà tal-Manġment

4. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplimenta d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija, fuq ir-responsabbiltà tiegħu stess u fil-limiti tal-approprazzjonijiet awtorizzati⁶. Id-Direttur huwa responsabbi milli jistabbilixxi⁷ l-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri ta’ ġestjoni u ta’ kontroll interni relevanti għat-tħejja ta’ kontijiet finali⁸ li jkunu ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba fi frodi u sew jekk minħabba xi żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijet huma legali u regolari.

Ir-responsabbiltà tal-Awdit

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tiprovd i l-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁹, abbażi tal-verifika tagħha, b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

6. Il-Qorti mexxiet l-awditu (verifika) tagħha skont l-I-standards Internazzjonali tal-Awditjar (Verifika) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-I-standards

⁵ Ir-rapporti tal-implementazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

⁶ L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

⁷ L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

⁸ Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenziji huma stabbiliti fil-Kapitolji 1 u 2 tat-Titolu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23), u huma integrati hekk fir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija.

⁹ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

Internazzjonalni tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-INTOSAI. Dawn I-standards jeiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu (verifika) biex tikseb aċċertament (assigurazzjoni) raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

7. Awditu (Verifika) jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar (verifika) dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet (żvelar) fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżit tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawk ir-riskji, l-awditur iqis il-kontrolli interni relevanti għat-thejjja u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implementati sabiex jiġu aċċertati (żgurati) l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex ifassal il-proċeduri tal-awditjar (verifika) li jkunu xierqa skont iċ-ċirkostanzi. Awditu (Verifika) jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jkunu qed jiġu applikati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

8. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar (verifika) miksuba hija suffiċjenti u adegwata biex tipprovd bażi għall-opinjonijiet imniżżla hawn taħt.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Aġenzija¹⁰ jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru

¹⁰ Il-Kontijiet Annwali Finali kienu ppreparati fl-20 ta' Ġunju 2012 u rċevuti mill-Qorti fil-11 ta' Lulju 2012. Il-Kontijiet Annwali Finali, ikkonsolidati ma' dawk tal-Kummissjoni, jiġu ppubblifikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara. Dawn jinstabu fuq il-websajt li ġej <http://eca.europa.eu> jew <http://www.frontex.europa.eu/>.

2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus (l-ikwiditā) tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni¹¹.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

11. Il-kummenti li ġejjin ma jixxtu dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA

12. Il-baġit 2011 tal-Aġenzija ammonta għal EUR 118,2 miljun li minnhom EUR 38,7 miljun (33 %) ġew riportati għall-2012. Riporti relatati mat-Titolu III (nefqiet operazzjonali) ammontaw għal EUR 36 miljun (41 %). Bħas-snin preċedenti, dan il-livell ta' riporti huwa eċċessiv u jmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalitā.

13. Fi ħdan l-ammont totali riportat, l-Aġenzija riportat impenji globali ta' EUR 5,1 miljun. Madankollu r-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, ma jiaprovdix bażi ċara għal riport bħal dan¹².

¹¹ Ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fin-nuqqas tagħhom, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità.

¹² Ir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija fl-Artikolu tiegħu 62(2) jiddikjara li “L-impenji baġitarji globali għandhom ikopru l-ispiża totali tal-impenji legali individuali korrispondenti konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena N+1”. Kemm ir-Regolament Finanzjarju tal-UE u kif ukoll ir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija madankollu mhumiex ċari dwar dak li jikkonċerna l-użu ta’ impenji globali għal approprazzjonijiet mhux-differenzjati. L-Aġenzija użat impenji globali biex tiġġustifika riport awtomatiku ta’ approprazzjonijiet mhux-differenzjati.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI EWLENIN TAS-SISTEMI TA'
SORVELJANZA U KONTROLL TAL-AĠENZIJA

14. Fl-2011, l-Aġenzija ffinanzjat għotjiet għal operazzjonijiet konġunti li ammontaw għal EUR 74 miljun. Sabiex tikkonferma l-infiq ikklejmajt mill-benefiċjarji (Stati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen), l-Aġenzija, għalkemm twettaq kontrolli ta' raġone volezza, mhux soltu li titlob dokumentazzjoni ta' sostenn li, kieku, tindirizza r-riskju ta' nfiq inelgħibbi.
15. Bħal fis-sena preċedenti, is-sistema kontabilistika tal-Aġenzija għad trid tiġi vvalidata mill-Uffiċjal tal-Kontabilità.
16. Ġew identifikati dgħufijiet fil-kontroll intern fir-rigward tal-ġestjoni tal-attivi fissi. M'hemm ebda proċedura relatata mad-disponiment tal-attivi fissi u l-inventarju fiżiku mhux komplet.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Audituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-5 ta' Settembru 2012.

Għall-Qorti tal-Audituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

**L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri
Esterni tal-Istati Membri (Varsavja)**

II-kompetenzi u I-attivitàjet

<p>L-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat <i>(L-Artikoli 74 u 77(2)(b) u (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</i></p>	<p>Art. 74: "Il-Kunsill għandu jadotta mżuri sabiex jassigura l-kooperazzjoni amministrattiva bejn is-servizzi kompetenti (id-dipartimenti relevanti) tal-Istati Membri fl-oqsma koperti b'dan it-Titlu, kif ukoll bejn daw k is-servizzi (id-dipartimenti) u l-Kummissjoni. [...]" Art. 77(2): "[...] il-Parlament Ewropeu u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-mżuri [...] dwar: [...] (b) il-kontrolli li huma suġġetti għalihom il-persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni; [...] (d) kwalunkw e mżura meħtieġa għall-istabbiliment gradw ali ta' sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni; [...]."</p>
<p>II-kompetenzi tal-Aġenzija <i>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 emendat bir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill, emendat bir-Regolament (UE) Nru 1168/2011 tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill)</i> <i>(L-aħħar emenda dañiet fis-seħħi fit-12.12.2011; il-kontenut tat-tabelha jirrifletti s-sitwazzjoni wara din l-aħħar emenda.)</i></p>	<p>L-objettivi L-Aġenzija ġiet stabilita bil-ħsieb li ttejjeb il-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-UE. II-kompli prinċipali (a) tikkordina l-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni; (b) tassisti l-İll-Istati Membri fit-taħbiġ għal-għad-dokumenti tal-fruntiera nazzjonali, inkluż l-istabbiliment ta' standards komuni ta' taħbiġ; (c) twettiq ta' analiżżejjiet ta' riskju, inkluża l-valutazzjoni tal-kapaċċità tal-Istati Membri li jaffaċċjaw theddid u pressjonijiet fil-fruntieri esterni tagħhom; (d) tipparteċipa fl-iżvilupp ta' riċerka rilevanti għall-kontroll u s-sorveljanza ta' fruntieri esterni; (e) tassisti l-İll-Istati Membri f'ċirkostanzi li jeħtieġ aktar assistenza teknika u operazzjonali fil-fruntieri esterni tagħhom, speċjalment daw k l-Istati Membri li jiffaċċjaw pressjonijiet speċifiċi u sproporzjoni; (f) tipprovd i-İll-Istati Membri bl-appoġġ meħtieġ, ukoll fuq talba, dak ta' koordinazzjoni jew organizzazzjoni ta' operazzjonijiet konġunti ta' ritorn; (g) tibqħat f'azzjoni għwardji mit-Timmiġiet ta' Għwardji tal-Fruntiera Ewropej (EBGT) għal-operazzjonijiet konġunti, proġetti esperimentalni u interventi rapidi; (h) tiżviluppa u tħaddem sistemi ta' informazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni, inkluż in-Netwerk ta' Informazzjoni u Koordinazzjoni (ICOnet); (i) tagħti l-assistenza meħtieġa għall-iżvilupp u t-tħaddim ta' sistema Ewropea ta' sorveljenza tal-fruntieri (EUROSUR).</p>
<p>It-tmexxija</p>	<p>II-Bord ta' Amministrazzjoni II-kompożizzjoni: Rapreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni u rappreżentant wieħed għal kull Pajjiż Assoċjat ma' Schengen (l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein). II-kompli: (a) jaħtar id-Direttur Eżekuttiv. (b) jadotta r-rapport ġenerali tal-Aġenzija; (c) jadotta l-Programm ta' Ħidma tal-Aġenzija; (d) jistabbilixxi proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-kompli operazzjonali tal-Aġenzija; (e) iwttaaq il-funzjonijiet tiegħi dwar il-baġit tal-Aġenzija; (f) jeżerċita autorità dixxiplinarja fuq id-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi Direttur; (g) jistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tiegħi; (h) jistabbilixxi l-istruttura organizazzjativa tal-Aġenzija u jadotta l-politika tal-persunal tal-Aġenzija; (i) jadotta l-pjan multiannwali tal-Aġenzija. Id-Direttur Eżekuttiv Mañtur mill-Bord ta' Amministrazzjoni fuq proposta mill-Kummissjoni. II-verifikka esterna Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p>

	L-Awtorità ta' Kwittanza Il-Parlament li jaġixxi fuq rakkmandazzjoni tal-Kunsill.
Ir-riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2011 (2010)	<p>II-Baġit Finali EUR 118,2 (93,2) miljun Sussidju mill-Unjoni EUR 111-il (89,1) miljun</p> <p>II-persunal fil-31 ta' Diċembru 2011 <i>It-tabella tal-persunal:</i> Aġenti temporanji, ippjanati: 143 (143) Aġenti temporanji, okkupati: 141 (139) <i>Karigi oħra:</i> Persunal b'kuntratt, ippjanati: 88 (79) – Persunal b'kuntratt, okkupati: 85 (79) Esperti Nazzjonali Ssekondati, ippjanati: 83 (76) - Esperti Nazzjonali Ssekondati, okkupati: 78 (76) Għadd totali tal-persunal: 314 (298) – li minnhom, okkupati: 304 (294) Assenjati fil-kompli okkupati li ġejjin: operazzjonali: 214 (203) – amministrattivi: 90 (91)</p>
Il-prodotti u servizzi fl-2011 (2010)	<p>L-Unità tal-Analiżi tar-Riskju pproduċiet 20 (14)-il valutazzjoni strateġika, 4 (4) rapporti ta' kull tliet xhur, 469 (294) prodott analitiku li jappoġġa l-Operazzjonijiet Konġunti (inklużi Laqgħat qosra ta' informazzjoni kull Gingħha u tipi ġoddha ta' rapporti mmirati lejn it-titjib tal-fowkus u r-rispons operattivi), 112-il (64) rapport ta' tip iefnor, inklużi laqgħat qosra ta' informazzjoni għall-Amministrazzjoni tal-Aġenzija, il-Kummissjoni tal-UE u oħrajn; pubblikazzjoni ta' 6 rapporti strateġiċi għall-pubbliku ġenerali permezz tal-websajt tal-Aġenzija. Aġġornament komprensiv tal-Mudell ta' Analiżi ta' Riskju Komuni u Integrat (CIRAM v.2.0) ieffinalizzat fl-2011. Ġew organizzat 4 (4) laqgħat regolari tan-Netwerk tal-Analiżi tar-Riskju ta' Frontex, 2 Laqgħat dwar l-Analiżi Tattika tar-Riskju u 5 (2) Laqgħat tal-Esperti.</p> <p>L-Unità tal-Operazzonijiet Konġunti organizzat 19 (17)-il operazzjoni konġunta, 14-il (9) proġett esperimentali u 15-il (4) konferenza. Barra minn hekk, matul 42 (40) operazzjoni konġunta ta' ritorn ikkoordinati mill-Aġenzija ġew irritornati 2 059 (2 038) persuna. L-Operazzjoni tat-Tim ta' Intervent Rapidu fil-Frontieri (RABIT) li kienet varata f'Novembru 2010 għet ieffinalizzata f'Marzu 2011. L-intensità operattiva globali żdiedet minħabba li ġie akkumulat total ta' 7 754 (6 471) ġurnata operattiva fl-operazzjonijiet konġunti kollha; l-għadd ta' ġranet operattivi maħduma minn persuni akkumulati, żdied għal 105 038 (54 976).</p> <p>Iċ-Ċentru tas-Sitwazzjonijiet Frontex (FSC) improvva 1 900 (500) Rapport tas-Sitwazzjoni, Rapporti Flash, Twissijiet ta' Dokument Ffalsifikati u 11-il (14)-il Rapport ta' Kuxjenza dwar il-Missjonijiet għal klijenti interni u esterni. Bullettini ġew imw assla kuljum lil 400 (350) kont. L-FSC, bħala l-punt ta' kuntatt waħdieni għall-iskambu ta' informazzjoni ma' klijenti esterni, immaniegħja madw ar 24 000 (20 000) oġġett ta' korrispondenza u implimenta l-Frontex-One-Stop-Shop (FOSS), portal ta' skambju tal-informazzjoni abbażi tal-web, u li qiegħed jintuża minn 35 (30) pajjiż u 2 600 (900) utent.</p> <p>Barra minn parteċipazzjoni intensiva fil-Programm EUROSUR, ġew żviluppati u/jew implementati 4 proġetti ta' awtomazzjoni (b'mod sħiħ u/jew b'mod parzjal).</p> <p>L-Unità ta' Taħriġ organizzat 223 (176) aktivitā li attendew għalihom 3 490 (4 015) persuna (esperti tat-taħriġ, daw k li qed jitħarrġu, eċċ.) fi ħdan il-qafas ta' 20 (18)-il proġett; partijiet interessati ddedikaw total ta' 12 947 (11 000) ġurnata maħduma minn persuni għal attivitajiet ta' taħriġ.</p> <p>L-Unità ta' Riżorsi Konġunti (PRU) implementat 6 (9) proġetti mfassla biex itejju l-effettivitá globali tal-operazzonijiet tal-Frontex. PRU kkoordinat ukoll l-iskjerament matul l-operazzjoni RABIT matul il-perjodu kollu kemm hu ta' 61 ġurnata. Ġie kkoordinat l-iskjerament ta' 576 uffiċċjal kif ukoll l-użu ta' 67 oġġett ta' tagħmir tekniku.</p> <p>L-Unità tar-Riċerka u Il-żvilupp b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' unitajiet oħra tal-Aġenzija, żviluppat aktar fil-fond il-Programm EUROSUR li huw a importanti ħafna għall-Aġenzija. L-Unità R&D organizzat u għamlet 34 (32) laqgħa inklużi konferenzi, workshops u avvenimenti bilaterali flimkien mal-Istati Membri. Il-persunal tal-R&D ipparteċipa f'madwar 130 (110) workshop interni u esterni, konferenzi u laqgħat ta' ħidma. L-Unità R&D pproduċiet 19-il (10) rapport dwar il-pajjiżi, 15-il rapport dwar laqgħat, 11-il rapport dwar evalwazzjoni ta' propostti ta' proġetti għal FP7 SEC u ffinanzjat tliet studji akkademiċi.</p> <p>Sħubija u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi: Matul I-2011, ġew konklużi żewġ Arranġamenti ta' Ħidma (WAs) mal-Pulizija, tal-Kap Verde u Ċ-Ċentru Reġjonali tal-Inizjattiva Reġjonali tal-Migrazzjoni, l-Āzil u r-Refuġjati (MARRI), biex b'hekk l-għadd globali ta' WAs żdied għal 16 (14). Abbażi tal-WAs eżistenti, il-kooperazzjoni speċifiċi dwar kw ištjonijiet operattivi u tekniċi fis-sigurta/l-ġestjoni tal-frontieri bejn l-Aġenzija u l-imsieħba ta' pajjiżi terzi, għet mżjudha bi skop ta' ħidma lejn sħubiji sostenibbi.</p>

Kooperazzjoni ma' Korpi tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali: Sal-aħħar tal-2011, ġie ffirmat Arranġament ta' Ħidma (WA) fid-DCAF, li żied l-għadd globali għal 11 (10). Il-WAs kollha ġew implementati permezz ta' għadd ta' attivitajiet tal-Aġenzija; l-organizzazzjoni tal-Ġurnata kontra t-Traffikar f'Varsavja flimkien mal-Aġenziji sieħba JHA u l-Kummissjoni kienet avvenimenti importanti ħafna f'dan ir-rigward.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

FRONTEX - European Agency for the Management of Operational Cooperation at the External Borders of the Member States

FRONTEX - Agence européenne pour la gestion de la coopération opérationnelle aux frontières extérieures des États membres

IR-RISPOSTA TAL-AĠENZIJA

12. L-aktivitajiet operazzjonali miżjudha marbuta mal-iżviluppi fiż-Żona tal-Mediterran marru id f'id ma' emenda baġitarja li tammonta għal EUR 31,8 miljun. Il-parti l-kbira tal-fondi addizzjonal waslet biss fl-aħħar ta' Ottubru 2011 li wasslet għal sitwazzjoni fejn kien hemm trasferiment 'il quddiem sinifikanti bħala riżultat.

Il-livell għoli ta' trasferiment 'il quddiem huwa parzialment konsegwenza tal-proċedura baġitarja fis-seħħ, li mhixx adegwata għal reazzjonijiet meta jkun hemm żviluppi eċċezzjonali. Frontex tixtieq tiprovd wkoll l-informazzjoni li t-trasferimenti 'l quddiem mill-2010 ntużaw sa livell ta' 81 %.

13. L-Aġenzija tqis li hemm nuqqas ta' ċarezza fir-Regolament Finanzjarju tal-Frontex, li jagħti lok għal interpretazzjonijiet differenti. L-Aġenzija se tevita milli tagħmel trasferimenti 'l quddiem ta' impenji globali.

14. Minn Jannar 2012 Frontex bdiet titlob dokumenti ta' sostenn għall-maġġoranza tal-ispejjeż f-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn. Għal għotjet oħra maħruġa għal operazzjonijiet konġunti, hi mitluba dokumentazzjoni ta' sostenn f'każ ta' diskrepanzi identifikati fir-rendionti finanzjarji finali. Frontex qed tiżviluppa politika fuq kontrolli *ex-ante* li se jiġu finalizzati u implementati mit-30 ta' Settembru 2012.

15. L-Ufficial tal-Kontabilità beda l-validazzjoni tas-Sistema ta' Kontabilità fl-ewwel kwart tal-2012 u se jiġi finalizzha sa Settembru 2012.

16. Id-deskrizzonijiet tal-proċess dwar il-ġestjoni tal-assi bħalissa huma soġġetti għall-proċess ta' approvazzjoni; politika tal-ġestjoni tal-assi (li tkopri wkoll id-disponiment) u l-linji gwida dwar assi żviluppati internament għandhom jiġu adottati sal-aħħar tat-tielet kwart tal-2012. Sa Awwissu 2012 se tiġi ffinalizzata verifika dwar ir-reġistrazzjoni tal-assi u t-twettiq tal-inventarji u l-managment biħsiebu jindirizza dgħufijiet potenzjali identifikati b'azzjonijiet korrettivi.